MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2015

Appell Civili Numru. 17/2006/2

**Guza Grech armla ta' Emanuel,**

**Emanuela Camilleri mart Carmelo,**

**Regina Camilleri armla ta' Mario,**

**Catherina Micallef mart Carmelo,**

**Salvina Marquette mart George,**

**Antonia Camilleri xebba,**

**Rose Abela mart John,**

**Maria Cassar mart Charles**

**ilkoll ahwa Grech u Karmenu, Silvio,**

**Maria Dolores mart Domnic Grima,**

**Kevin u Aarone ahwa Camilleri,**

**John Cilia, David D'Amato, Charles D'Amato,**

**Katie Parnis mart Godwin ahwa D'Amato.**

**vs**

**Joseph Agius u Austin Agius**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' ritrattazzjoni ta' Joseph Agius u Austin Agius tal-24 ta' Ottubru 2014 li jghid hekk:

1. Illi l-intimati kienu pprezentaw rikors fil-Bord li Jirregola l-Kera kontra z-zewg esponenti li jghid kif gej:

Illi huma jikru lill-intimat Joseph Agius il-hanut maghruf bhala Red Lion Bar, Cross Road, Marsa u dan bil-kera ta' Lm50 fis-sena jithallas kull sitt xhur u l-ewwel skadenza fl-24 ta' Lulju 2006.

Illi l-imsemmi Joseph Agius ceda d-drittijiet tieghu a favur tal-intimat l-iehor Austin Agius u dan minghajr il-permess tas-sidien rikorrenti.

Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett illi dan il-Bord joghgbu jawtorizzahom jirriprendu l-pussess tal-fond fuq imsemmi mal-iskadenza u li jaghti zmien qasir u perentorju lill-intimati biex jizgumbraw mill-istess fond.

2. Illi l-esponenti eccepew is-segwenti:

Illi, fl-ewwel lok, u jekk ghall-grazzja tal-argument biss jista' jinghad li l-esponent Joseph Agius fil-fatt ceda d-drittijiet lokatizji tieghu ghaf-favur tal-esponent l-iehor Austin Agius mhux skond il-ligi, l-istess Austin Agius qieghed jigi rikonoxxut fil-kwalita ta' inkwilin ladarba r-rikorrenti ghogobhom jipprocedu kontrih ukoll quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera.

Illi, fit-tieni lok u bla pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti meta ntalbu li jirrikonoxxu lill-esponent Austin Aguis bhala inkwilin tal-fond ai termini tal-kuntratt in atti n-Nutar Joseph Agius tal-24 ta' Lulju, 1972 irrifjutaw li jaghmlu dan. Ghalhekk fil-kaz illi l-ewwel eccezzjoni fuq moghtija titqies mhux sostenibbli minn dan il-Bord, l-esponent Austin Agius ghandu jigi mehlus mill-harsien tal-gudizzju.

Illi, ukoll bla pregudizzju ghas-suespost ma sar xejn da parti tal-esponenti li jista' jiggustifika t-talba tar-rikorrenti legalment.

3. Illi bis-sentenza moghtija mill-Bord li Jirregola l-Kera fit-3 ta' Ottubru, 2013, giet michuda l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-esponenti, ta' natura preliminari, filwaqt illi giet milqugha t-tielet eccezzjoni, fil-meritu, minnhom sollevata u ghalhekk it-talba ghall-izgumbrament skont ir-rikors promotur giet michuda.

4. Illi l-intimati appellaw minn din is-sentenza, u din l-Onorabbli Qorti bis-sentenza taghha moghtija fl-24 ta' Settembru, 2014 laqghet l-appell taghhom.

Bis-sentenza li nghatat giet riformata s-sentenza appellata billi filwaqt li kienet ikkonfermata fejn kienet michuda l-ewwel eccezzjoni preliminari, fuq imsemmija, tal-esponenti, giet imhassra fil-bqija taghha u ghalhekk kienet milqugha t-talba ghall-izgumbrament.

5. Illi jinghad umilment li skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 811 Civili (c) u (1) tal-Kodici ta' Procedura hemm lok ghal ritrattazzjoni tal-kawza, u dan ghar-ragunijiet segwenti:

(i) L-illegittimita tal-persuna fil-gudizzju (artikolu 811(c) tal-Kodici ta' Procedura Civili).

It-tieni eccezzjoni tal-esponenti fil-kawza kienet tghid illi fil-kaz li l-esponent Austin Agius ma jigix meqjus mill-Bord li gie rikonoxxut bhala inkwilin tal-fond ladarba gie adit quddiem l-istess Bord, skont l-ewwel eccezzjoni, allura kellu jigi mehlus mill-harsien tal-gudizzju.

Jigi rilevat illi mkien ma jirrizulta li tali eccezzjoni giet deciza. L-artikolu 730 tal-Kodici ta' Procedura Civili jipprovdi (‘tassattivament', kif imfisser fis-sentenza Evelyn Busuttil vs Frances Borg, Qorti tal-Appell, 31 ta' Ottubru, 2008) illi, fost eccezzjonijiet ohra, l-eccezzjoni tal-illegittimita tal-persuna ghandha tigi deciza b'kap separat qabel jew flimkien mas-sentenza fuq il-meritu.

Fis-sentenza hawn fuq citata kompla jigi mfisser illi jekk il-Qorti, 'fir-ritwal tax-xoghol taghha, ma tkunx okkupat ruhha specifikatament biex tindirizza u tiddeciedi eccezzjoni bhal dik suesposta, ‘l-ommessa decizjoni dwarha hi oggett ta' nullita' (Anthony Mangion vs Giovanni Farrugia et, Appell Inferjuri, 3 ta' Dicembru, 1955).

Hawnhekk, naturalment, wiehed mhux qieghed u ma jistax jitlob lil din l-Onorabbli Qorti biex tkun hi li tiddeciedi dwar l-illegittimita tal-persuna li kienet giet sollevata kif inghad. Dan mhuwiex l-iskop tat-talba ghal ritrattazzjoni, jekk dejjem tirrizulta fondata.

(ii) L-effett ta' zball (artikolu 811(1) tal-Kodici ta' Procedura Civili).

Fis-sentenza li nghatat fl-24 ta' Settembru, 2014 jinghad hekk:

'Illi x’aktarx li kien ghalhekk illi fl-iskrittura datata 24 ta' Lulju, 1972 bejn is-sid Spiridione Parnis u l-inkwilin precedenti certu Paolo Camilleri bhala l-inkwilin il-gdid inghata l-jedd specifikatament mis-sid li jcedi l-kirja u l-avvjament tal-hanut bil-patt illi l-inkwilin il-gdid jigi rikonoxxut mis-sid' (pagna 4 et seq tas-sentenza, sottolinear tal-esponenti).

Bir-rispett jinghad illi hawnhekk l-izball li jirrizulta huwa wiehed lampanti. L-iskrittura riferenzjata, datata 24 ta' Lulju, 1972, ma tghidx illi Spiridione Parnis seta' jcedi l-kirja u l-avvjament tal-hanut 'bil-patt illi l-inkwilin il-gdid jigi rikonoxxut mis-sid' (il-kliem tal-Qorti). L-istess skrittura tghid bhala fatt illi huwa seta' jaghmel dan 'bil-kundizzjoni pero li tithallas lill-komparenti ahwa D'Amato s-somma ta' mitjen lira ghal darba wahda biss u l-kera tibqa' kif inhi llum'.

Jinghad umilment illi hafna 'l boghod minn xi kwistjoni ta' interpretazzjoni, id-diskrepanza totali li tirrizulta bejn il-kliem citat mis-sentenza moghtija u dak li realment inkiteb fil-ftehim lokatizju originali mhi xejn hlief zball ta' fatt. F'kawza kif hi dik tallum, fejn il-provi u l-konkluzjonijiet relattivi jistriehu decizament fuq dak li attwalment ikun gie miftiehem, ma jistax jitqies accettabbli illi l-kliern tal-ftehim jigi mdawwar fi kliem iehor li ma nkitibx u wisq anqas kien jifforma parti mill-intendiment tal-kontraenti.

Kemm imbaghad il-kliem fattwalment skorrett adoperat fis-sentenza ('bil-patt illi l-inkwilin il-gdid jigi rikonoxxut mis-sid', ibid) spicca jkun determinant hu rifless ampjament fil-konsiderazzjonijiet li segwew fl-istess sentenza.

L-esponenti ghalhekk qeghdin jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha, ghar-ragunijiet hawn fuq imfissra, tordna r-ritrattazzjoni tal-kawza ai termini tal-artikolu 811(c) u (l) tal-Kodici ta' Procedura Civili.

Rat ir-risposta tal-intimati kollha li tghid hekk:

1. Illi t-talba finali ghar-ritrattazzjoni kif proposta u cioe li "jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha, ghar-ragunijiet hawn fuq imfissra, tordna r-ritrattazzjoni taal-kawza ai termini tal-artikoli 811(c) u (l) tal-Kodici tal-Procedura Civili "tirrendi kollox null u bla effett, ghaliex tassattivament kellhom ikun hemm zewg talbiet (a) li tithassar is-sentenza u (b) li l-kaz jinstema' mill-gdid.

Illi fil-kawza Qorti tal-Appell (Superjuri) 11/12/2002 Gaetano Fenech v Maria Pisani, il-Qorti tal-Appell kienet qalet hekk:

"6. Illi indipendentement mill-fatti partikolari tal-kaz in ezami, pero, din il-Qorti necessarjament kellha tiehu kont ta' aspett ta' natura legali li, minkejja l-importanza tieghu, donnu sfugga lill-partijiet kontendenti. Il-Qorti osservat li minkejja li r-ritrattanda Pisani tirreferi ghall-artikolu 811(k) tal-Kap. 12, ma hemm u ma saret ebda talba ghar-revoka tas-sentenza li taghha qeghda tintalab li ssir trattazzjoni mill-gdid. Issa, l-artikolu 811 tal-Kap. 12 jistipula kjarament li kawza deciza b'sentenza moghtija fi grad ta' appell tista' fuq talba ta' wahda mill-partijiet li jkollha interess, tigi ritrattata, wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza. Una volta ghalhekk li din it-talba ghal fini tar-revoka tas-sentenza surreferita baqghet ma ntalbitx, it-taiba ghal fini ta' ritrattazzjoni maghmulha mill-konvenuta ma tistax tigi akkolta, imqar jekk xi wahda mir-ragunijiet li jinsabu elenkati fl-istess artikolu 811 ghal fini ta' ritrattazzjoni tkun tissussisti.

7. Jidher car mill-kliem tal-artikolu 811 fuq citat li l-gudizzju tar-ritrattazzjoni ghandu zewg ghanijiet, igifieri dak li tigi mhassra sentenza li tkun saret gudikat bejn il-partijiet u dak li terga’ tinfetah it-trattazzjoni tal-kawza biex tigi ottenuta sentenza. Isegwi ghalhekk li l-gudizzju ta' ritrattazzjoni huwa kompost minn zewg stadji, wiehed differenti mill-iehor, maghrufin fid-dottrina legali bhala "in rescindente" u "in rescissorio" (ara wkoll Koll. Vol. LXIXII- pp219). Il-ligi taghna tal-procedura ghalhekk trid u tesigi li qabel xejn ghandha tigi mhassra jew revokata s-sentenza impunjata billi minghajr dan it-thassir mhux possibbli li l-kawza tigi trattata mill-gdid. Huwa biss wara li jkun sar dan li tista' ssir it-trattazzjoni mill-gdid tal-kawza billi sakemm dak it-thassir ma jkunx sar, dik is-sentenza tkun u tibqa' ta' ostakolu ghar-riezami tal-kawza (ara wkoll sentenza fl-ismijiet "Neg. Paolo Borg vs Neg. Francis Grech et" tas-27 ta' Gunju 1949, Qorti tal-Appell, Koll. Vol. XXXIII-I-754).

Ghal dawn ir-ragunijiet it-talba tar-ritrattanda Maria Pisani, kif dedotta ma tistax tigi akkolta u qeghda tigi respinta;"

Il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fis-sentenza moghtija fis-7 ta' Lulju 2003, fl-ismijiet Supermarkets (1960) Ltd v Mario Grech et qalet hekk:

"Hu ta' vitali importanza f'materja ta' ritrattazzjoni ta' kawza deciza illi wiehed izomm dejjem in mira dawn l-aspetti ta' dan l-istitut, u cjoe illi:-

(a) dan hu ta' indoli straordinarja - Vol XXIX pI p795; Vol XLII pI p227; u

(b) governat minn regoli ta' "strettissima interpretatione" (Vol VI p345) u mhux "suscettibili di una interpretazione estensiva ma della sola letterale" (Vol XXI pll p117; Vol XXVI pI p622).

Huwa daqstant iehor vitali illi wiehed ifakkar illi l-gudizzju ta' ritrattazzjoni hu maghmul minn zewg stadji distinti li ghandhom jinzammu separati u ma jistghux jigu akkumulati jew konfuzi flimkien.

Kif intqal fid-decizjoni riportata a Vol XXII pIII p235, "il gudizio di ritrattazione ha un doppio oggetto: quello di fare annullare una sentenza passata tra le parti in giudicato, e l'altro di riaprire la trattazione della causa e provocare una altra sentenza, e si compone di due stadi distinti da non confondersi l'uno coll'altro, detti dei pratici il rescindente ed il rescissorio".

Fi kliem iehor, "oggett tal-ewwel stadju hu li tigi annullata s-sentenza bejn il-partijiet li tkun saret gudikat; skop tat-tieni stadju hu li terga' ssir it-trattazzjoni tal-kawza u tigi moghtija sentenza gdida." (Vol XLVI pI p90)

Issa fil-kaz prezenti u hawn trattat is-socjeta appellanti tinsisti illi mhux necessarju illi l-ewwel stadju jingieb il quddiem f'forma ta' talba appozita u 'ad hoc' in kwantu tirritjeni illi tali domanda hi mplicita fit-talba ghar-ritrattazzjoni. Biex issostni tali posizzjoni s-socjeta appellanti tigbed analogiji jew inferenzi minn bosta ezemplari ta' gudikati ohra.

Il-Qorti pero tinnota illi l-ebda ezempju illustrat mis-socjeta appellanti ma ghandu rabta ma' kawza ta' ritrattazzjoni. Tinnota, inoltre, illi lis-socjeta appellanti sfuggiela ghal kollox il-fatt bazilari u kostantement affermat illi r-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa wiehed straordinarju u ghandu regoli partikolari, kif fuq manifest u espress.

Is-socjeta appellanti tiehu spunt, in sostenn tal-aggravju taghha, mill-kliem tal-artikolu 811 biex turi li r-revoka tas-sentenza ma ghandiex bzonn li ssir b'talba 'ad hoc'. Dan taghmlu b'riflessjoni tal-kliem "kawza deciza ... tista' fuq talba ta' wahda mill-partijiet li jkollha nteress, tigi ritrattata, wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza ..."

Ghall-kuntrarju ta' dak li setghet fehmet is-socjeta appellanti, ghall-Qrati taghna dawn il-kliem dejjem gew ritenuti bhala li jimportaw il-htiega ta' talba espressa ghar-revoka tas-sentenza impunjata. Ara, inter alia, decizjonijiet a Vol XX pI p241; XXXIII pI p753 u XXXIX pIII p894.

Ir-ragunament tal-Qrati hu rafforzat mill-kliem tal-artikolu 820(1) tal-Kap. 12 li jiddisponi illi "meta t-talba ghar-ritrattazzjoni tigi milqugha bit-thassir tas-sentenza attakkata, il-kawza tigi mismugha mill-gdid fil-mertu, fl-istess gurnata jew f'ohra li tiddestina l-qorti".

Dan id-dispost jindika kjarament il-htiega li ssir talba specifika ghar-revoka tas-sentenza attakkata.

Kif gie affermat fid-decizjoni a Vol XXI pll p117, "oltre alla chiara disposizione della legge concorre a sussidiare l'eccezione preliminare delle convenute la logica legale la quale ci conduce a ritenere che non si puo domandare la ritrattazzione di una causa finche sussiste la sentenza colla quale fosse stata quella causa deciza".

Il-posizzjoni kif stabbilita f'dawn is-sentenzi anterjuri ssoktat tigi tramandata, riflessa u accettata f'decizjonijiet aktar recensjuri.

Hekk fis-sentenza fl-ismijiet "Dr. Joseph Brincat nomine -vs- Albert Mizzi nomine", Appell, 24 ta' April 1996 gie hekk enuncjat:-

"Hu car (b'referenza ghall-art. 811, Kap. 12) illi hi kondizzjoni sine qua non ta' din il-procedura specjali illi qabel ma kawza tigi trattata mill-gdid, trid tkun giet revokata u mhassra s-sentenza li tkun impunjata. Mhux lecitu ghall-Qorti allura li tibda tikkonsidra u titratta mill-gdid il-kawza jekk ma tkunx qabel annullat is-sentenza li taghha tkun qed tintalab ir-ritrattazzjoni u dana wara ddebita verifika li jkunu jokkorru cirkostanzi li jiggustifikaw li dan isir fit-terminu ta' xi wiehed jew aktar mis-subincizi tal-artikolu 811. Verifika li l-Qorti tista' taghmel biss jekk ikun hemm talba ad hoc mir-ritrattand li s-sentenza attakkata tigi qabel xejn imhassra". (sottolinear ta' dina l-Qorti)

B'silta riprodotta minn din l-istess decizjoni appena riferenzjata, ssokta jigi rilevat b'applikazzjoni tal-art. 820 fis-sentenza fl-ismijiet "Nazzareno Farrugia -vs- John Aquilina", Appell, 28 ta' Frar 1997, illi dan "l-artikolu jissottolinea r-rekwizit sine qua non li tithassar is-sentenza attakkata. Thassir li ma jistax isir jekk ma jkunx hemm - kif fuq abbondantament spjegat - talba ad hoc tar-ritrattand".

In bazi ghall-konsiderazzjonijiet kollha fuq akkolti minn gurisprudenza ben affermata fuq is-suggett, u li din il-Qorti pjenament tikkondividi, l-aggravju interpost hu destinat li jfalli.

Ghal dawn il-motivi dina l-Qorti tichad l-appell interpost u b'hekk tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta attrici appellanti."

L-esponenti m'ghandhom xejn x'izidu. It-talba finali hija biss ghar-ritrattazzjoni u mhux maqsuma fit-talba tat-thassir jew annullament tal-ewwel sentenza mbaghad li l-kawza tinstema' mill-gdid.

Ghal din ir-raguni biss, l-appell ghandu jigi respint.

Fil-mertu. (Jekk hemm bzonn)

1. Dwar l-ewwel aggravju taht l-artiklu 811(c).

Fil-fatt quddiem il-Bord din it-tieni eccezzjoni qatt giet trattata. Jekk tonqos mis-sentenza tal-Bord, ir-ritrattandi, meta sar l-appell ma dahhlu l-ebda appell incidentali, anke bla pregudizzju li s-sentenza kellha tigi konfermata hlief fil-parti fejn ma lliberatx lii Austin Agius mill-osservanza tal-gudizzju. Jekk kien hemm nullita u thalli ghaddejja, allura wiehed ma jistax wara jqajjem tali nullita.

Imma fuq kollox Austin Agius kien qed jippretendi li kien ha t-titlu legittimament minghand Joseph Agius. Jekk kien qed jippretendi li t-trasferiment minghand il-missier ghal ghandu kien skont il-kuntratt originali, allura ma jistax jghid li ma kienx legittimu kontradittur.

Issa t-tieni eccezzjoni kellha premessa qabilha, u titkellem fuq rikonoxximent ta' sub-inkwilin, u la ma giex rikonoxxut, mhux inkwilin, u allura mhux legittimu kontradittur. L-azzjoni kellha ssir fil-konfront tieghu wkoll, u fid-decizjoni tal-Bord kienet favorevoli ghalih ukoll. Ma hux michud li sar trasferiment, u f'dan it-trasferiment kienu kompartecipi z-zewg intimati ritrattandi.

2. Dwar l-aggravju taht l-artiklu 811(l)

Dan l-artiklu ghandu proviso importanti li jghid hekk :-

"Ghall-finjjiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li hemm dak l-izball, fil-kaz biss li d-decizjoni tkun ibbazata fuq is-suppozizzjoni ta' xi fatt li l-verita tieghu tkun bla ebda dubju eskluza, jew fuq is-suppozizzjoni li ma jezistix xi fatt, li l-verita tieghu tkun stabbilita pozittivarnent, basta li, fil-kaz il-wiehed u l-iehor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun gie deciz bis-sentenza"

Issa r-ritrattandi qed jghidu li l-Qorti dahhlet kliem li ma kienx jezisti fil-kuntratt u cioe li l-inkwilin il-gdid jigi rikonoxxut mis-sidien. Dan kien il-punt ta' fatt dibattut u deciz kemm quddiem il-Bord u kemm quddiem il-Qorti tal-Appell.

Kemm is-sentenza tal-Bard u kemm is-sentenza tal-Qorti tal-Appell kienu dwar l-interpretazzjoni tal-kuntratt, u dwar jekk kienx hemm rikonoxximent jew le, u x'kienet il-posizzjoni legali li tohrog mill-kuntratt originali u l-iskritturi sussegwenti.

Issa jekk kien hemm xi hadd li beda jitkellem fuq "rikonoxximent" kienu r-ritrattandi stess, u dan fil-bidu stess tal-proceduri meta ppresentaw eccezzjonijiet u fit-tieni wahda kien qalu testwalment hekk:

"Illi fit-tieni lok, ..., ir-rikorrenti meta ntalbu li jirrikonoxxu lill-esponenti Austin Agius bhala inkwilin tal-fond ai termini tal-kuntratt in atti Nutar Joseph Agius tal-24 ta' Lulju, 1972, irrifjutaw li jaghmlu dan. (tipi grassi tal-esponenti)

Mela kif jista' jigi japplika l-artikl 811(l) tal-Kap. 12?

Ghaldaqstant l-esponenti jissottomettu li t-talba ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

Rat l-atti u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li rikors thalla ghad-decizjoni fuq l-eccezzjoni preliminari tal-intimati.

**Ikkunsidrat**

L-iter tal-fatti hu semplici. Dan ir-rikors hu wiehed ta’ natura straordinarja u ta’ interpretazzjoni stretta. Tali rikors fih zewg stadji wiehed fejn tigi attakkata s-sentenza a bazi ta’ wiehed mill-elementi indikati fl-artikolu 811 tal-Kap. 12 u jekk dan jigi ippruvat, is-sentenza attakkata tigi rexxissa u annullata b’sentenza tal-Qorti appozitament biex tirrendi nulla s-sentenza attakkata. Darba annullata s-sentenza terga’ tinstema’ mill-gdid mill-Qorti li tkun annullat is-sentenza. Dan ifisser li rikors ta’ ritrattazzjoni fih zewg stadji distinti u indipendenti minn xulxin, wiehed pero dak li jirrexxindi s-sentenza bilfors jipprecedi kull smigh mill-gdid tal-vertenza tant li trid tinghata sentenza ad hoc fuq ix-rexxisjoni tas-sentenza qabel terga’ tinstema’ l-vertenza.

F’dan il-kaz ir-rikorrenti testwalment talbu hekk:

> L-esponenti ghalhekk qeghdin jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha, ghar-ragunijiet hawn fuq imfissra, tordna r-ritrattazzjoni tal-kawza ai termini tal-artikolu 811(c) u (l) tal-Kodici ta' Procedura Civili.

Hu car illi r-rikorrenti marru mill-ewwel ghat-tieni stadju tal-procedura kontemplata mill-artikolu 811 tal-Kap. 12 minghajr ma saret talba biex l-ewwel jigi deciz jekk is-sentenza attakata ghandhiex tigi annullata.

F’diversi sentenzi fosthom **Ronald Agius et vs Paul Portelli**, App Civ 27/04/2003, u **Gaetano Fenech vs Maria Pisani**, App Civ 11/12/2002 gie ribadit il-principju illi jridu jintalbu z-zewg stadji ta’ ritrattazzjoni ghal decizjoni tal-Qorti biex it-talba tkun formalment korretta u illi t-talba ghal smigh gdid biss mhix bizzejjed ghax il-Qorti ma tistax minn rajha tiddeciedi jekk ghandhiex tannulla gudikat jekk ma jigix specifikatament mitlub. Lanqas jista’ jinghad li talba wahda hi kompriza fl-ohra ghax il-kliem tal-ligi hu car u hemm il-htiega espressa li issir it-talba ghat-thassir li tipprecedi kull talba ghal smigh mill-gdid.

Hu minnu illi r-rikorrenti fil-mori ghamlu talba ghal zieda tal-kliem ’thassar is-sentenza moghtija’ a bazi tal-artikolu 175 tal-Kap. 12 pero din it-talba giet preceduta mill-premessa illi t-talba ta’ ritrattazzjoni f’kull kaz tippresupponi t-thassir tas-sentenza liema premessa mhix gusta fil-ligi billi z-zewg stadji huma regolati minn process differenti ta’ prova u huma soggetti ghal decizjonijiet separati.

Fil-fatt bit-talba maghmula ghal zieda taht l-artikolu 175, l-appellant qed jitlob mhux semplici korrezzjoni ta’ zball kif kontemplat fl-artikolu 175(2) izda zieda ta’ talba li titlob risposta ad hoc ghaliha u sentenza distinta minn dik li issegwi jekk fil-fatt tigi rexissa s-sentenza. Dan ibiddel kompletament in-natura tal-azzjoni intentata minn qari tar-rikors promotur li jitlob biss is-smigh mill-gdid tal-vertenza mentri t-talba taht l-artikolu 175 kif impostata qed titlob ukoll rexissjoni ta’ sentenza. Ghalhekk ir-rikorrenti mhux qed jitlob li l-att jissewwa f’xi formalita procedurali li ma tippregudikax lil hadd izda li l-att jitbiddel fis-sustanza tieghu. Dan mhux ammissibbli.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni tan-nullita tar-rikors ta' ritrattazzjoni u b'hekk tichad r-rikors ta' ritrattazzjoni kif dedott u tiddikjarah irritu u null u tastjeni milli tkompli tiehu konjizzjoni tar-rikors ta' ritrattazzjoni. Spejjez ghar-ritrattandi.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------